# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU: 2812

**Kaz Numru : 3661/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Salvatore Sicurella (detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AY 8679732)**

**u**

**Antonio Camilleri (KI 238471M)**
**f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' 'Antonio's Barbershop'**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., LLB.,Dip. L.P.; B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2022**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors mill-Avv John L Gauci f'isem Salvatore Sicurella fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar l-10 ta' ta' Lulju, 2018, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-Soċjeta' Intimata ma saritx ghal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

### Rapprezentanza

Salvatore Sicurella li minn issa ‘l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent, kien assistit mill-Avv. John L Gauci.

Antonio’s Barbershop li minn issa ‘l quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta’ Intimata’ kienet irraprezentata mill-Avv. Timothy A. Bartolo u l-Avv Chris Cilia u l-Avv Patrick Farruġia.

### Fatti fil-qosor tal-kaz

L-esponent kien impjegat mal-konvenut ai termini ta’ kuntratt datat l-1 ta’ Gunju 2017 ghal perjodu definit ta’ sentejn bhala barbier sal-31 ta’ Mejju 2019. Ai termini tal-istess kuntratt, l-esponenti kien intitolat jircievi salarju mensili gross ta’ €728.04 ewro. Permezz ta’ ittra datata 13 ta’ Marzu 2018, l-esponenti gie tterminat mill-impjieg tiegħu u dan għax skont is-soċjeta’, repetutament kiser il-kuntratt tax-xogħol fosthom ma osservax il-ħinijet tax-xogħol u tlajjar u insubburdinanza. Skont ir-rikorrent, l-intimat ripetutament vjolenta l-kundizzjonijiet.

### Ġabra fil-qosor tax-xhieda

**Antonio Camilleri** fil-kariga ta’ sid in-negozju Antonio’s barber shop, qal li ilu jaħdem ta’ barbier għexieren ta’ snin, sew f’Malta kif ukoll fl-Ingilterra. Huwa qal li martu u hu huma s-sidien izda l-mara tieħu ħsieb l-amministrazzjoni u l-uffiċċju b’konsultazzjoni miegħu. Hu personalment iqatta’ l-maġġoranza tal-ġranet jaqta’ x-xagħar ġol-ħanut ta’ Hal Balzan. Ix-xhud qal ukoll li n-negozju rnexa minħabba s-servizz li joffri lill-klijenti. Ix-xhud qal li lir-rikorrent minkejja li diġa kien barbier, xorta tawh it-taħriġ meta mpjegawh, u kien mar tajjeb. Ix-xhud qal ukoll li qabel impjegawh iddiskutew il-ġranet u ħinijiet. Dan jagħmluh biex il-barbiera ma jħossuhomx issikkati u biex ma jħallux lill-klijenti jistennew. Huwa spjega wkoll li tant hi mportanti li jinzamm il-ħin, li investew f’sistema elettronika biex il-klijenti jkunu jistgħu jibbukjaw il-ħin u l-ġurnata li jridu u jagħzlu wkoll liema barbier iridu.

Ix-xhud qal li għall-ewwel ir-rikorrent kien jaħdem ġewwa Hal Balzan , fejn kien ikun ix-xhud, u dan ta' l-aħħar seta' jara li kien sejjer kollox sew. Wara xi zmien ir-rikorrent intalab li jmur jopera mill-ħanut ta' tas-Sliema. Minn hemm beda jirċievi lmenti mill-mara tiegħu li kien qed jasal tard għax-xogħol. Qal ukoll li l-klijenti kienu bdew jistennewh jasal. Ix-xhud qal li lir-rikorrent ġibidlu l-attenzjoni diversi drabi. Izda minkejja l-wegħdi li mhux se jittardja, dan baqa' jasal tard. Qal ukoll li l-għaġir mar għall-aghar meta ngħalaq il-ħanut li kien fih u nfetaħ ieħor ġewwa l-Plaza. Huwa sar jaf ukoll li kien qed joħdulu l-klijenti banda ohra, billi wara li spiċċa, ta x'jifhem lill-klijent li reġgħu fetħu fejn mar jaħdem ir-rikorrent wara li ntemm l-impjieg mas-socjeta'.

Ix-xhud qal li wara li ġew sfurzati jtemmulu l-impjieg, huwa beda jagħmlilhom il-ħsara billi kiser il-kuntratt u ħadilhom il-klijenti u allura fetħulu kawza. Ir-rikorrent, kompla x-xhud, meta ra li fetħulu kawza, pprezenta kawza quddiem dan it-Tribunal.

Għall-kontro-ezami x-xhud qal li l-kumpanija fil-bidu ma kinitx irreġistrata u kienet f'ismu u maz-zmien meta zdied ix-xogħol irreġistraha bħala kumpanija. Maz-zmien ukoll ma baqax ikollu kuntatt dirett mar-rikorrent u kien isir jaf x'qed jagħmel minn impjegati oħra. Huwa qal li jkun infurmat x'qed jigri u jieħu d-deċizjonijiet. Huwa kkonferma li meta ħareg twissija fil-konfront tar-rikorrent, kien għamel hekk fuq li kien jingħad lilu minn terzi. Twissijiet bil-miktub hu personalment qatt ma ħareġ jew iffirmahom. Mitlub biex jagħti kopja ta' dawn t-twissijiet, ix-xhud qal li kienu jintbagħtu b'*WhatsApp*. Għall-mistoqsija jekk kienx konxju ta' *overbooking* u nuqqas ta' ko-ordinament, ix-xhud qal li ħadd mhu perfett. Ix-xhud reġa kkonferma li r-rikorrent għamel uzu mill-isem għall-kumpanija tiegħu wara li telaqhom biex jippromwovi l-*business* li fetaħ għal rasu r-rikorrent. Qal ukoll li meta fetħulu kawza, r-rikorrent bħala reazzjoni fetaħ il-kaz quddiem it-Tribunal. Għal din ir-riferenza dwar il-kawza li nfetħet fil-Qorti Ċivili ġie mitlub jikkonferma jekk jafx li l-kawza intilfet minn naħa tas-socjeta'. Ix-xhud għazel li ma jweġibx u dan għax fil-verita' l-kawza qegħda fi stadju ta' Appell. Ix-xhud qal li ma kienx konxju li l-Magistrat Montebello ċahdet it-talbiet kollha.

**Fleur Camilleri** qalet li huma l-proprjetarji tal-ħwienet li hemm f'tas-Sliema u Ħal-Balzan. Hija qalet li n-negozju tagħhom kiseb popolarita' u sikwit jirċievu minn zgħazagħ biex jimpjegaw ruħhom magħhom. Hija kkonfermat kif ir-rikorrent għall-ewwel kien sejjer kollox sew u kien ikun ferħan għax jaħdmu f'atmosfera ta' ħbiberija. Hija kkonfermat li t-

taħriġ li tawh jiswa' l-flus u nvestew fir-rikorrent. Hija qalet li wara t-taħriġ inzamm għax kien jipprometti u bi qbil miegħu, ftehmu li r-rikorrent jaħdem erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, l-hinijiet li jagħzel hu. Ir-rikorrent filfatt għazel li ma jaħdimx l-Erbgħa u l-Ħadd u l-ħinijiet li għazel kienu mill-ghaxra ta' filghodu (10 am)  sas-sitta ta' filghaxija (6pm ), minkejja li l-ħanut jiftaħ mid-disgħa ta' filghodu (9am) sas-sebgha ta' filghaxija  (7pm). Dan sar bi qbil bejn kulħadd. Beda l-ewwel fil-ħanut ta' Hal Balzan u wara mexa għal Tas-Sliema għax huwa kien joqgħod San Gwann. Hija qalet li malli mar Tas-Sliema fil-ħanut li kellhom ġewwa *Fort Fitness*, beda l-inkwiet u beda spiss jasal tard. Tant li mill-għaxra ta' filgħodu (10am) offrietlu jibda fil-ħdax ta' filgħodu (11am) biex jasal fil-ħin, izda huwa ma aċċettax. Is-sitwazzjoni ma tjibitx u ngħata wkoll twissija verbali. Hija qalet li għamlu sforz biex jitjiebu l-affarijiet għax lir-rikorrent nefqulu l-flus biex jirriklamawh u biex isir popolari mal-klijenti u għax tawh taħrig, għaldaqstant xtaqu li jibqa' jaħdem magħhom. Ix-xhud qalet li kien hemm barbiera oħra li matul iz-zmien ma baqgħux jaħdmu magħhom imma izda baqgħu amikevoli. L-atteġġjament mar għall-agħar u ħa zvolta kerha. Is-sitwazzjoni ggravat meta s-sidien għalqu l-ħanut li kellhom ġewwa *Fort Fitness* u fetħu ieħor ġewwa *Franks* fil-*Plaza Shopping Complex* tas-Sliema stess.

Tant iggravat is-sitwazzjoni li beda jirrifjuta li jgħin jekk tinqala' xi emergenza u anke rrifjuta li jaqdi l-klijenti tiegħu stess jekk dawn ibiddlu l-ħin. Dan wassal biex klijenti ċemplu rrabjati u qalulhom li mhux ġejjin aktar. Ir-risposta tar-rikorrent meta kien affaċjat b'dan kienet li jekk iridu li jaqdihom għandhom iħallsuh aktar. Sadanittant beda jgħid lill-klijenti li hu se jitlaq, biex dawn imorru fejn ikun hu. Ix-xhud qalet li affaċjawh u hu nnega li kien se jitlaq. Huma minn naħa tagħhom qalulu li ried itejjeb l-attitudni u din se tkun l-aħħar ċans li se jingħata, jekk ried jibqa' jaħdem hemm.

Wara li ntemmlu l-impjieg huwa beda jaħdem ġewwa *Fort Fitness*, b'kompetizzjoni diretta magħhom, billi beda joffri l-istess servizz u beda juza ritratti tal-klijenti tagħhom għal riklam għalih innifsu, anke bl-uzu tal-logo tagħhom stess. Ix-xhud qalet li kien hemm barbiera oħra mpjegati magħhom li qalulha li r-rikorrent kien ħajjarhom jitilqu u jmorru jaħdmu miegħu.

Ix-xhud qalet li fetħu kawza kontra r-rikorrent fil-Qorti tal-Maġistrati u r-rikorrent b'ritaljazzjoni fetaħ kawza quddiem it-Tribunal Industrijali.

Għall-kontro-ezami x-xhud qalet li qabel beda jahdem maghhom kien diga barbier b'esperjenza. Hija qalet li bħala taħriġ li ngħatalu riedet tfisser fuq it-teknika li tvarja minn barbier għall-ieħor u mhux xi taħriġ li jwassal għal xi kwalifi u li seħħ fuq firxa ta ġimghatejn. Hija kkonfermat messaġġi li dehru fuq *WhatsApp* fejn bihom kienu jigu nfurmati li se jittardja, ħames, għaxar minuti u r-risosti li nghatawlu: '*Grazzi nistennewk'*. Ikkonfermat messaġġ ieħor fejn ix-xhud qalet lir-rikorrent li hemm klijent li jinsab irrabjat u li qed jistennieh. Hija qalet li dawk huma li tista tikkonferma bħala provi, mill-bqija kienet qed toqgħod fuq li qalulha mpjegati oħra. Hija qalet ukoll li dan kien zmien fejn ma kienx hemm persuna tieħu ħsieb l-HR u kienet tagħmel ix-xogħol hi minkejja li ma kinitx impjegata f'dak l-istadju. Ix-xhud ikkonfermat li t-twissijiet bil-miktub ma kienx hemm imma li ntqal fuq *WhatsApp* qed jiġi kkunsidrat bħala twissijiet. Ikkonfermat ukoll li tezisti biss l-ittra li biha ġie tterminat ir-rikorrent. Hija kkonfermat ukoll li tezisti problema ta' *overbooking*, izda din ma kinitx ir-raġuni għala ġie tterminat ir-rikorrent.

**Christina Camilleri,** Ix-xhud qalet li hija t-tifla tal-propretarji u li taħdem fiz-zewg ħwienet u tieħu ħsieb diversi xogħol fosthom *reception*, *front desk* u *management*. Hija qalet li lir-rikorrent ħadmet miegħu l-ewwel tliet xhur meta ġie mpjegat u fil-ħanut ta' tas-Sliema u wara bagħtuh jaħdem fil-ħanut l-ieħor. Hija qalet li huwa kien jidħol tard u jġib diversi skuzi, fosthom li minħabba l-mutur, jew it-traffiku jew qam tard, jew ġieli lanqas biss ma wieġeb it-telefon. Hija qalet li għall-bidu kien kollox sew, u l-klijenti kienu kuntenti bih, imma lejn l-aħħar meta ttraskura u kien iħallihom jistennew, kien hemm min beda jgorr u jiddejjaq. Kien hemm min mill-klijenti li ma kien jgħid xejn, għax kienet tkun ġratlu l-ewwel darba, li tħalla jistenna, u kien hemm min kien ikun ilu jitħalla jistenna diversi drabi, u dawn ta' l-aħħar kienu vera jgorru. Ix-xhud spjegat kif is-sistema tagħhom hija waħda specjalizzata fejn klijent jista' jibbukkja *online*, jew meta jiġi in persona, jew bit-telefon, u jagħzel liema barbier irid u jagħzel il-ġurnata u ħin. Ħafna huma l-klijenti li kienu jippreferu li jzommu lill-istess barbier. Hija spjegat ukoll kif meta kien jittardja kien joħloq stress fost il-ħaddiema l-oħra li kien ikollhom jaghmlu xogħlu u hu stess, jiġifieri r-rikorrent, kien jinqabad lura bix-xogħol. Kien hemm min tħalla jistenna għal erba' darbiet. Hija qalet ukoll li kien hemm min iċempel u jkun irid jinqeda l-aħħar ħames minuti u l-barbier jagħzel hu jekk ikunx irid jagħmlu jew le. Hija qalet li r-rikorrent ġieli aċċetta u ġieli rrifjuta. Hija qalet ukoll li meta telaq, suppost ma ħadimx ta' barbier għal sitt xhur kif kien jgħid il-kuntratt tax-xogħol, huwa ħadem xorta u mar jaħdem fil-ħanut li oriġinarjament kien tagħhom ġewwa *Fort Fitness* tas-Sliema, u għamel uzu mir-riklami

tagħhom. Hija qalet li r-rikorrent ippowcja klijenti minn tagħhom, għax qalulha huma stess, li kien ħajjarhom jibdew imorru għandu minn qabel ma telaq minn magħhom.

Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li hi tieħu l-appuntamenti u mpjegata mas-soċjeta', kif ukoll li wieħed mix-xhieda Justin Buttigieg huwa wkoll l-għarus tagħha.

**Naledi Sehloho** fil-kapacita' tagħha ta' *receptionist* mas-Socjeta' ntimata, qalet li xogħolha kien li tieħu appuntamenti u tara li kollox ikun miexi sew fil-ħanut. Hija kkonfermat is-sistema ta' kif jittieħdu l-appuntamenti. Hija qalet ukoll li kull meta kien jittardja kien qed jitfa' l-impjegati l-oħra lura wkoll. Hija qalet li bħala persuna r-rikorrent, huwa bniedem simpatiku, izda meta jitlagħlu juri li telagħlu u jagħmel ukoll b'mod evidenti ħafna li jkun irrabjat. Hija qalet li ħafna mill-klijenti tiegħu imxew miegħu u marru fejn qed jagħti servizz issa, fin-negozju tiegħu.

**Andrew Abela** fil-kapaċita' tal-persuna li tieħu ħsieb il-ħanut *Franks* fil-Plaza Sliema. Ix-xhud qal li jaf lis-sidien tas-soċjeta' ntimata proprju għax joperaw minn hemm. Huwa spjega kif is-soċjeta' topera minn *Franks* u l-klijenti jħallsu hemm u wara jissetiljaw bejniethom. Ix-xhud qal li hu personalment qatt ma kien involut mal-klijenti tas-Socjeta' pero kien ikun jista' jinduna b'xi dewmien u tgergir mill-klijenti meta dawn tħallew jistennew.

Għall-kontro-ezami qal li ġieli kien hemm *double bookings* u kkonferma li hu qatt ma kien prezenti għal xi diskussjoni jew argumenti bejn il-management u r-rikorrent. Minkejja dan ix-xhud meta ġie ri-ezaminat qal li ma kienx ikun diffiċli biex jinnotta li qam argument jekk jara lil xi klijent jistenna u wara jew qabel isseħħ telefonata kkaratterizzata bl-argumenti.

**Heindrich Camilleri** fil-kapaċita' ta' klijent tas-soċjeta', qal li jaf lir-rikorrent bħala mpjegat mas-soċjeta'. Huwa qal li l-aktar li kien jaqta' xaghru fil-fergħa ta' Ħal Balzan u xi darbtejn f'tas-Sliema. Ikkonferma li kien jibbukkja *online,* u wara jirċievi email bħala konferma. Huwa qal li darba minnhom kien ibbukjat mar-rikorrent għal appuntament filgħodu u dan ma tfaċċax. Għall-mistoqsijiet tal-kontro-ezami x-xhud qal li lir-rikorrent ma kienx jafu, imma sempliċiment kien kurjuz li jaqtagħlu xaghru għax Taljan.

**Justin Buttiġieġ** qal li huwa klijent tas-socjeta' għal dawn l-aħħar seba' (7) snin. Huwa kkonferma s-sistema ta' kif jagħmel appuntamenti. Qal ukoll li kien għamel appuntament mar-rikorrenti xi erba' darbiet u tnejn minnhom ġie tard. Ix-xhud qal li kien għamlu miegħu l-appuntament għax il-ħin li seta', r-rikorrenti kien imissu. Darba minnhom ġieh siegħa tard u tfaċċa meta x-xhud stess kien se jitlaq. Qal ukoll li r-rikorrenti ma skuzax ruħu u ma weriex li ddispjacih ta' dan in-nuqqas.

**Florina Madalena Bercenaru** qalet li hija mjegata mas-soċjeta' għal dawn l-aħħar sentejn. Meta ġiet muriha kopja pprintjata tac-chat, ix-xhud ma setghetx tiftakar x'kien il-kunċett ta' dak li kien hemm miktub minkejja li kkonfermat li hi kienet kitbitu.

**Salvatore Sicurella**, r-rikorrent qal li hu kien jaħdem mas-soċjeta' ntimata mill-1 ta' Ġunju 2017 u fit-2 ta' Novembru 2017 mexa għal Plaza fuq talba tas-socjeta'. Huwa qal li kellhom bilfors juzaw is-sistema tal-Plaza, jiġifieri *booking online* jew bit-telefon li kienet amministrata minn tim ta' receptionists li kienu wkoll jaghmlu xoghol iehor, ghal kafé u tindif. Huwa qal li r-*receptionists* ta' tas-Sliema jagħmlu l-appuntamenti, jilqgħu lill-klijenti u jieħdu ħsiebhom kif jaslu, izda dan qatt ma ġara. Huwa qal li r-*receptionists* tal-Plaza kienu jaħdmu wkoll għall-Franks u din kienet ir-raġuni għala ma kienux iċemplulu klijenti biex jikkonfermaw il-ħin u x-xhud jemmen li hu tkeċċa minħabba f'hekk għax ma kienux jistgħu jaghmlu xogħolhom b'mod professjonali. Ix-xhud qal li dan hu kkonfermat bl-iscreen shots li jezistu b'diskursati bejn is-soċjeta' ntimata u r-*receptionists* tagħha.

Ix-xhud qal li dwar ix-xiehda ta' Heinrich Camilleri, li dan għandu sponsorship mis-socjeta' ntimata u hemm ftehim bejniethom. Qal ukoll li Andrew Abela, li xehed ukoll, huwa fil-fatt il-Manager ta' Franks fejn jinsab il-ħanut tas-soċjeta' ntimata. Rigward Justin Buttiġieġ, r-rikorrent qal li dan qiegħed f'relazzjoni mat-tifla ta' Antonio s-sid tas-soċjeta' ntimata. Ix-xhud qal ukoll li hu qatt ma rċieva xi twissija bil-miktub. Li jinqabzu l-appuntamenti, kompla x-xhud, ma kienx tort tiegħu, izda minhabba mismanagement.

Għall-kontro-ezami r-rikorrent ikkonferma li hu kien talab jaħdem magħhom. Huwa ċaħad li ġie mħarreġ mis-soċjeta', tant li ntbagħat jaħdem biex jissostitwixxi mpjegat ieħor f'Ħal Balzan. Wara mar il-*Fort Fitness*. Huwa qal li ġa kellu esperjenza ta' għaxar snin ġewwa Sqallija. Ix-xhud qal li Antonio ( sid is-socjeta') kellu stil Ingliz kif jaqta' x-xagħar u huwa personalment kien jaqta' x-xagħar stil Spanjol. Huwa qal li s-soċjeta' ma nvestitx flus fih

u ma ġiex mgħallem mis-soċjeta' Qal ukoll li meta kienu jidħlu l-ġodda, jista' jkun li s-soċjeta' kienet tgħallimhom. Ix-xhud qal li sew hu u sew lill-kollegi. Ikkonferma wkoll li fin-norma kienu jgħallmu lill-ġodda u li jidher ix-xogħol tiegħu.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-klijenti kienu jiġu skont ir-riklamar li kienet tagħmel is-soċjeta' u jekk jagħmlu qatgħa xagħar tajba, l-klijenti jibqgħu jiġu. Huwa qal li l-klijenti kienu jafu bil-kapaċitajiet tiegħu u jibqgħu jmorru u s-soċjeta' kienet tħeġġeġ lill-klijenti jmorru tas-Sliema għand-ix-xhud għax kien kapaċi. Huwa qal ukoll li kien għamel talba għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u qatt ma ndika li xtaq jiġi tterminat.

B'referenza għall-inċident li ġab miegħu t-terminazzjoni, x-xhud qal li l-mara ta' Antonio ġegħlitu jdaħħal klijent iehor wara li skada l-ħin u dan seħħ bi zball minn naħa tar-*receptionist*. Ix-xhud qal li wara t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm) huwa ma aċċettax li jagħmel klijent ieħor u għax irrifjuta huwa ġie tterminat dak il-ħin stess.

Huwa qal li spiss ġibed l-attenzjoni dwar id-diffikultajiet li kienu qed jinħolqu mir-*receptionist*. Huwa ċahad li ġie mwissi kemm -il darba minn Antonio u martu fuq l-attendenza għax l-aktar li ttardja kien ħames minuti xi tliet darbiet u li kien jibqa' għaddej jaħdem għalihom wara l-ħin. Huwa kkonferma li kienu nbidlulu l-ħinijiet biex jakkomodah izda x-xhud qal li din ma kinitx il-kwistjoni tat-terminazzjoni.

Ix-xhud qal li wara li nbiddlu l-ħinijiet, l-affarijiet tjiebu. Huwa qal li ma aċċettax it-tibdil fil-ħinijiet mal-ewwel għax kien għadu kemm wasal Malta u kien għadu qed jissetilja.

Qal ukoll li jekk telqu xi klijenti għax ma nqdewx ma kienx ikun jaf. Ix-xhud ikkonferma li hu kien ġie tterminat meta huwa stess mar il-JobsPlus.

**Bernard Zarb** bħala rapprezentant tal-JobsPlus qal li l-impjieg li kellu r-rikorrent kien mit-3 ta' Novembru 2016 sat-12 ta' Marzu 2018 (sittax -il-xahar).

## Sintesi tas-sottomissjonijiet u trattazzjonijet tal-kaz

**Dr. Patrick Farrugia** għan-nom tas-Soċjeta' ntimata qal li l-intimat kien ta' sikwit jitfaċċa tard għax-xogħol, konsegwenza li l-klijenti tiegħu jitħallew jistennew, tant li uħud

qatt ma rritornaw għand is-soċjeta'. Ta' dan, qal Dr Farruġia r-rikorrent ġie mwissi diversi drabi u ngħata l-opportunita' jvarja l-ħinijiet tax-xogħol biex jiġi akkomodat. Dr. Farruġia qal li r-rikorrent flimkien mal-impjegati kollha l-oħra kien konxju li kellhom ikunu fuq il-post tax-xogħol qabel jaslu l-klijenti. Izda r-rikorrent baqa' repetutament jasal tard. Huwa qal li sikwit il-ħtija kienet tintefa' mir-rikorrent fuq tal-linja, izda r-responabbilta' li jasal fil-ħin tibqa' tar-rikorrent. Skuza oħra fazulla, qal Dr Farruġia hija li r-rikorrent qal li kien iwassal lit-tfajla għax-xogħol u jieqaf jieħu kolazzjon magħha. Dr. Farruġia qal ukoll li ta' dan kien jiġi mwissi mis-soċjeta' kemm verbalment u kemm b'messaġġi. Minkejja li ġie offrut siegħat ta' xogħol f'ħiniiet varji huwa rrifjuthom. L-għaġir mal-klijenti wassal biex uħud jitilqu lis-soċjeta' u meta kien jittardja ma kienx jiskuza ruħu magħhom. L-appuntamenti li bdew jaqgħu b'lura spiċċaw ta' piz fuq il-kollegi tiegħu. Is-soċjeta', qal Dr. Farruġia ma kellha l-ebda problema bil-ħiliet tar-rikorrent f'xogħlu, izda l-problema hija n-nuqqas ta' rispett li wera lejn is-soċjeta' u min iħaddmu.

**Dr. John L. Gauci** għan-nom tar-rikorrent qal li mhux minnu li dawn il-proċeduri infetħu mir-rikorrent bħala reazzjoni għax is-soċjeta' kienet fetħitlu kawza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenza ġiet ikkonfermata fil-Qorti tal-Appell li l-kuntratt tax-xogħol li kellu r-rikorrent kien filfatt il-kontenut li bih ġie marbut ir-rikorrent skond il-Qrati, kienu kontra l-liġi. Qal ukoll li l-verita' hi li r-rikorrent ġie tterminat mil-lum għall-għada bla ebda twissijiet u dan fuq akkuzi li kien qed jasal tard ix-xogħol. Dr. Gauci qal li kull ma ġew prezentati bħala provi huma zewġ messaġġi fejn ir-rikorrent avzahom li se jittardja darba b'ħames minuti u darba b'għaxra, u ma ġew ipprezentati l-ebda provi oħra. Huwa qal li mix-xhieda u kontro-ezami li tat is-Sinjura Camilleri stess fit-12 ta' Frar 2021, l-unika taħriġ li ħa r-rikorrent għall-kuntrarju li qalet is-soċjeta' li investit fih u tagħtu ħafna tahrig, filfatt inghata kors ta' ġimghatejn mis-Sur Camilleri stess. Dr. Gauci qal ukoll li s-soċjeta' kellha problema ta' *over booking* minħabba li addottaw sistema li kienu għadhom ma rfinawhiex. Qal ukoll li l-klijenti ma kienux qed jtilqu minħabba r-rikorrent għax kif ħareġ mill-provi u kif ġie kkonfermat mill-istess kontro-ezami tas-sinjura Camilleri, kienu baqgħu jfittxu lilu u jmorru għandu wara li spiċċa minn magħhom. Dr. Gauci rrefera wkoll għall-akkuza li r-rikorrent għamel uzu mil-logo tas-soċjeta' fuq mezzi soċjali biex jirriklama lilu nnifsu u jibbenefika mill-popolarita' li kellha s-soċjeta'. Filfatt, kompla Dr. Gauci jidher li s-soċjeta' ħadet zball meta pprezentat din l-akkuza għax meta wieħed iqabbel id-dati jidher ċar li kien għadu

jaħdem magħhom, u jekk xejn għamlilhom riklam għall-vantaġġ tas-soċjeta' u mhux biex jagħmel ħsara.

**Deċizjoni**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent u li saret nhar l-10 ta' Lulju, 2018, li l-kuntratt ta' mpjieg ġie terminat għal raġunijiet inġusti

Tenut kont tnax -il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess u cjoe :

Li r-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt definit ta' sentejn mill-1 ta' Ġunju 2017 sa 31 ta' Mejju 2019 skont il-kuntratt tax-xogħol iffirmat miz-zewġ partijiet ;

Li r-rikorrent ġie tterminat fit-13 ta' Marzu 2018 ;

Li s-soċjeta' ntimata hija propjetarja ta' zewġ ħwienet f'tas-Sliema u Ħal Balzan

Li s-socjeta' stess ammettiet li kellhom problema ta' *over booking* minħabba li l-klijenti setgħu jibbukjaw b'diversi modi fosthom online, bit-telefon jew imorru fil-ħanut stess ;

Li s-soċjeta' kienet tara li tiftiehem ħinijet tax-xogħol mal-impjegati biex takkomodahom;

Li l-uniċi messaġġi li jindikaw li r-rikorrent ittardja għax-xogħol kienu wieħed tat-30 ta' Jannar 2017 fejn infurmahom li se jittardja ħames minuti u ieħor 8 ta' Gunju 2017, li se jittardja għaxar minuti;

Li r-rikorrent kien jaħdem mill-10am sas-6pm kuljum minbarra l-Erbgha u l-Ħadd;

Li d-dizgwid u tgergir min-naħa tal-klijenti kien ġej mill-*overbooking* u l-ħaddiema, fosthom ir-rikorrent ma jlahhqux jaqduhom fil-ħin;

> Li r-rikorrent ma kienx il-kaġun li jitilqu l-klijenti minn mas-soċjeta’ minħabba xi nuqqas f’ħidmietu jew b’għemilu u dan għax meta telaq u fetaħ ghal rasu marru miegħu;
>
> Li l-akkuza li rriklama lilu nnifsu bil-logo tas-soċjeta’ filfatt ma seħħitx u dan għax meta tella’ ritratt fuq il-medja socjali bil-logo tas-soċjeta’ kien għadu mpjegat magħhom u jekk xejn ir-riklam kien a favur is-soċjeta’;
>
> Li waqt il-process ta’ dan il-kaz kien hemm kawza quddiem il-Qorti Civili u laħqet inqatgħet anke mill-Qorti tal-Appell fejn ġie deċiz li l-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent kien wieħed illegali u x’ghamel ir-rikorrent wara li spiċċa minn mas-soċjeta’ bl-ebda mod ma jikser xi ftehim li seta’ sar bejniethom;
>
> Li t-taħriġ li s-soċjeta’ qalet li tagħtu u li nvestiet fih, filfatt mhux il-kaz u dan għax qabel ma beda jaħdem magħhom kien diġa barbier ikkwalifikat u b’esperjenza u t-taħriġ li nghata mis-soċjeta’ kien ta’ ġimghatejn li ma jwassal għall-ebda ċertifikat jew kwalifika.

It-Tribunal f’dan il-kaz huwa affaċċjat b’terminazzjoni li r-raġuni li nġabet kienet waħda ta’ dixxiplina u bbazata fuq il-provi miġjuba li fil-fehma ta’ dan it-Tribunal huma konflinġenti. Il-fatt li s-soċjeta’ tgħid li klijenti telquhom minħabba l-għaġir tar-rikorrent, jistona bil-kbir mal-fatti kif ħarġu sew mix-xhieda u l-provi miġjuba li uħud mill-klijenti spiċċaw biex marru għand ir-rikorrent meta dan ma baqax jaħdem mas-soċjeta’ wara li ġie tterminat. Ir-rikorrent mill-provi miġjuba jidher li ġie tterminat fuq zewġ drabi li ttardja u ta’ dan hemm zewġ messaġġi mibgħuta minnu u fir-risposta li ngħata mis-soċjeta’ ma kinitx tirrifletti rabja jew skuntentizza. Minbarra dawn il-provi ma tressqu l-ebda provi konvinċenti l-anqas mix-xhieda li l-klijenti telqu minħabba t-tardezza tiegħu, anzi l-aktar ħaġa li spikkat u ġiet ikkonfermata minn kulhadd kien il-fatt li s-sistema li adottat is-socjeta’ ta’ kif klijent għandu jibbukja, cjioe, *online*, imur hu nnifsu jew bit-telefon, ħolqot konfuzjoni u rrizultat f’serje ta’ *overbooking*. Dan it-Tribunal ma jara xejn bi kbir li mpjegat juru d-disapprovazzjoni tiegħu jekk minħabba din il-kunfuzjoni ma jibqax jaċċetta jum wara jum li jibqa’ wara l-ħin biex ilaħħqu lill-klijenti li jkunu zejda u jaqgħu fl-istess ħin ma’ klijenti oħra, ukoll in vista li jkun ġibed l-attenzjoni tad-diriġenti

tas-soċjeta’ diversi drabi. Minkejja kollox, it-Tribunal ma ġiex ipprezentat b’xi provi ta’ twissijiet bil-miktub. Bħala proċess ta’ dixxiplina jew referenza lejn xi għemil li skont is-soċjeta’ kellu jiġi korrett ma ġie pprezentat xejn.

Għal dawn ir-raġunijet it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet waħda kontra l-liġi u qed jillikwida d-danni  għal erbat elef disa’ mija u erbatax -il ewro (€4,914) li għandhom jithallsu mis-soċjeta’ lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data tal-lum.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**